Kunsill Lokali
ĦAL GĦAXAQ

# RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2020

*imħejji minn Fiona Cutajar,* ***Segretarju Eżekuttiv***

## *Introduzzjoni*

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri l-ħidma għall-perjodu ta bejn l-1 ta' Jannar 2020 u l-31 ta' Diċembru 2020 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret mill-Kunsill Lokali flimkien mal-proġetti ppjanati għas-sena 2021.

Il-Kunsill tagħna għal sena oħra reġa' kellu programm sħiħ ta' xogħlijiet fil-qasam ta' manutenzjoni, xogħlijiet infrastrutturali u tisbieħ tal-lokalita'. Il-Kunsill dejjem jipprova jagħmel mill-aħjar biex bir-riżorsi u l-fondi allokati lilu mill-Gvern Ċentrali jaqdi l-prioritajiet u l-eżigenzi tal-lokalita'. Din is-sena kellna niffaċċjaw sitwazzjoni li affetwat id-dinja kollha, il-Pandemija Covid-19 fejn sfortunatament bħala Kunsill Lokali laqtitna ukoll u għaldaqstant kellna nwaqqfu ammont ta' attivitajiet li s-soltu kienu jiġu organizzati, iżda l-Kunsill investa f'metodi u apparat elettroniku sabiex minkejja r-restrizzjonijiet li affaċċjajna, l-operat tal-uffiċċju baqa' għaddej normali matul is-sena kollha.

L-Uffiċċju Amministrattiv huwa kompost minn:

| ***Impjegati*** | |
|---|---|
| Fiona Cutajar | ***Segretarju Eżekuttiv*** |
| Donna Mallia | ***Assistent Prinċipal*** |
| Shaun Spiteri | ***Skrivan*** |

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ**

**RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV *2020***

---

Il-Kunsill, bħas-snin preċedenti kellu wkoll l-għajnuna ta' żewġ ħaddiema ta' l-*RSSL* li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalita', tliet ħaddiema tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation* mal-Kunsill Lokali kif ukoll xi ħaddiema tal-ERL fejn komplew jgħinu fit-tisħiħ infrastrutturali kif ukoll jieħdu ħsieb il-ġonna, knis ta' toroq, tindif tal-uffiċini, tal-berġa u l-librerija, tindif u attendenza ta' latrini pubbliċi u jwettqu xi xogħol ieħor li jiġi assenjat lilhom.

L-allokazzjoni Finanzjarja għal din is-sena żdiedet fejn qed tammonta €392,991 li kienet maqsuma kif indikat hawn taħt:-

| | |
|---|---|
| - *Parks*, Gonna u *Soft Areas* | €11,321 |
| - *Latrini Pubbliċi* | *€ 3,406* |
| - *Amministrazzjoni* | €98,695 |
| - Manutenzjoni ta' Toroq Rurali, sinjali tat-traffiku | €29,571 |
| - Manutenzjoni ta' Toroq Urbani, sinjali tat-traffiku | €66,032 |
| - Knis ta' toroq urbani | €44,665 |
| - Knis ta' toroq rurali | €13,143 |
| - Immaniġġjar tal-Iskart + bins on wheels | €93,409 |
| - Ammont allokat għal *tipping fees* | €32,748 |

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2020

---

Matul din is-sena saru ħmistax-il laqgħa mal-Kunsilliera tat-Tmien Leġislatura fejn l-attendenza għal-laqgħat tal-Kunsill kienet waħda tajba.

| *It-Tmien Leġislatura<br>Minn Ġunju 2019 sa Diċembru 2020* | |
|---|---|
| Darren Abela | *Sindku* |
| Christine Dalli | *Viċi Sindku* |
| Rose Agius | *Kunsilliera* |
| Andreas Gatt | *Kunsillier* |
| Keith Mario Fenech | *Kunsillier* |
| Fiona Cutajar | *Segretarju Eżekuttiv* |

*Attendenza għal-Laqgħat tal-Kunsill*
*Jannar-Diċembru 2020*

| Laqgħat Nru. 11-25 | Darren Abela | Christine Dalli | Rose Agius | Andreas Gatt | Keith Mario Fenech |
|---|---|---|---|---|---|
| Attendenza | 15/15 | 14/15 | 15/15 | 13/15 | 13/15 |

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2020

## Organizazzjonijiet

Il-Kunsill Lokali baqa' jżomm relazzjonijiet tajba mal-Għaqdiet tal-qasam tal-voluntarjat fir-Raħal u entitajiet oħra li huma parti essenzjali fil-ħidma ta' kuljum tagħna, inkluż dawk li ma humiex fl-istess lokal.

## Ħidma Ġenerali

Il-Ħidma tal-Kunsill Lokali tibqa' konsistenti sena wara oħra bla ebda waqfien.

Insemmu dak li sar f'Ħal Għaxaq mill-Kunsill għaliex f'dak kollu li sar kien hemm strateġija sabiex l-ewwel jitwettqu l-prijoritajiet, u ma jsirx infieq bla bżonn jew iżjed milli meħtieġ.

Ix-xogħol primarju tal-Kunsill hu dejjem għall-istess għan, għalkemm bil-finanzi ma jkunx dejjem possibbli li jsir dak kollu li wieħed jixtieq. Ta' kull sena l-ammont sostanzjali tal-fondi jkunu allokati fuq kuntratti speċifiċi.

Il-Kunsill kontinwament jagħmel laqgħat m'entitajiet governattivi u privati biex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill isiru proġetti li finanzjarjament ikunu jinvolvu ammont sostanzjali ta' flus. Din is-sena wettaqna wieħed mill-ikbar proġetti tal-Kunsill Lokali, il-proġett tal-Bandli fi Triq il-Gudja kantuniera ma' Triq iċ-Ċeppun u Triq il-Gardell. Sa fl-aħħar ir-residenti ingħataw ambjent xieraq b'bandli attrezzat u mgħammar bl-aħjar tagħmir ta' logħob u post ta' rikreazzjoni.

## Saħħa

Din is-sena ġiet rinovata il-Berġa tal-lokalita' fejn żdiedu is-servizzi tat-tobba u speċjalisti għall-benefiċċju tar-residenti tagħna. Ingħata l-ewwel *batch* ta' tilqim tal-influwenza lill-anzjani u persuni vulnerabbli. Minħabba l-pandemija, din is-sena ma stajniex nipprovdu s-servizz ta' *mobile dental unit* lir-residenti. Iżda dan jerġa jsir meta s-sitwazzjoni terġa lura għan-normal.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2019

---

***ĦIDMA U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI 2019***

Il-ħidma tal-Kunsill f'dan il-qasam issoktat b'xogħolijiet ta' *patching*, tisbiħ ta' bankini, riffriskar ta' żebgħa tat-toroq, qtugħ ta' ħaxix u żamma ta' żoni pubbliċi, żbir ta' siġar, tabelli tat-toroq u mantenzjonijiet fejn kien hemm il-ħtieġa li saru minn ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali. Bħala proċedura ta' kull sena ħadna ħsieb it-tindif tal-*water culverts* ta' madwar il-lokal.

Bħala xogħol ta' *resurfacing* wkoll din is-sena saru Dawret Ħal Għaxaq, is-*service road* fl-istess triq, it-tieni biċċa fi Triq Ħas Saptan, Triq San Ġorġ, Sqaq Wilġa u diversi sqaqin bil-konkos. Dawn ix-xogħlijiet saru minn *Infrastructure Malta*. Is-sena li ġejja huwa ppjanat li jsiru Triq l-Iklin, Triq Santu Kristu u titkompla Triq San Gorg.

Il-Kunsill kompla nvesta billi fejn kien hemm il-ħtieġa li jsiru *U-Bars* bħala protezzjoni fit-toroq tagħna dawn saru bi pjanti magħhom biex b'hekk taw dehra isbaħ lill-lokal. Żidna wkoll id-*dog bins* u *litter bins* madwar Ħal Għaxaq ħalli b'hekk ir-rimi ta' skart abbużiv ikompli jiġi mnaqqas.

Għat-tieni sena konsekuttiva sar presepju b'pasturi ta' qies uman fil-Pjazza prinċipali li dan kien ta' suċċess u kellna rispons tajjeb ukoll mir-residenti.

Għall-ewwel darba il-Kunsill, bil-kollaborazzjoni tas-Sinjura Rose Vella, residenta għaxqija, għamilna siġra tal-Milied magħmula kollha mill-ganċ. Din is-siġra kisbet ukoll ir-rekord lokali għall-ikbar siġra magħmula mill-ganċ. Din l-idea niżlet tajjeb ħafna man-nies u kienet irreklamata anki fuq il-maġġoranza tal-portals lokali. Kienet attrazzjoni prinċipali fil-lokal tagħna matul iż-żminijiet tal-Milied u għaldaqstant il-Kunsill se jkun qiegħed ikompli jkabbar din l-idea fis-snin li ġejjin.

## ATTIVITAJIET ORGANIZZATI FL-2020

Sfortunatament minħabba l-pandemija l-Kunsill kellu jħassar ammont kbir ta' attivitajiet li s-soltu jiġu organizzati matul is-sena fosthom il-ħames edizzjoni taċ-*Cheese and Wine Festival* li kull sena kienet qeda ssir bħala parti mill-attivitajiet marbuta ma' Jum Ħal Għaxaq fl-aħħar Ħadd ta' April. L-attivitajiet kollha marbuta ma' Jum Ħal Għaxaq kollha kellhom jiġu mħassra fosthom ir-riċeviment, li kien jagħqqad l-entitajiet kollha involuti f'attivita' soċjali, it-tberik tal-annimali u l-quddiesa ta' Jum Ħal Għaxaq ma setgħetx issir minħabba li f'dak iż-żmien il-Knejjes kienu magħluqin minħabba l-pandemija. Il-ħsieb tal-Kunsill huwa li l-attivitajiet kollha li kienu jiġu organizzati jerġgħu jseħħu meta l-pajjiż jerġa' lura għan-normal kif ukoll ikompli jsaħħaħ l-attivitajiet eżistenti kif ukoll jorganizza xi attivitajiet oħra oriġinali.

**<u>Kultura</u>**

Il-Karnival Spontanju Għaxqi kien l-aħħar attivita' li l-Kunsill organizza qabel ma bdiet il-pandemija. Għal darb oħra ngħatajna wkoll fondi minn skema maħruġa mid-Dipartment tal-Gvern Lokali. Bħal kull sena l-attivitajiet saru fil-Pjazza nhar l-Ħadd filgħaxija biż-żfin u l-banda, filwaqt li t-Tnejn u t-Tlieta reġgħu saru l-kompetizzjonijiet għall-aħjar kostum, l-isbaħ maskla, l-aħjar karru, l-aħjar grupp ta' maskarati u premju għall-*best effort*. Il-Kunsill Lokali għal sena oħra reġa' ta nċentiv finanzjarju lil min jagħmel karru u jipparteċipa fil-Karnival. Il-kampanja qawwija ta' pubbliċita' fuq il-midja soċjali kienet dejjem akbar sabiex nippromwovu aktar dan il-Karnival uniku f'Malta. Għat-tieni darba din is-sena sar il-Karnival tat-tfal, bil-parteċipazzjoni tat-tfal tar-raħal fejn dawn ħarġu jduru fit-toroq libsin kostumi u maskli tradizzjonali. Dan il-Karnival kien wieħed ta' suċċess. Din is-sena wkoll reġgħet ġiet organizzata *Fun Run* bil-kostumi madwar it-toroq tal-Lokali bil-parteċipazzjoni ta' bosta adulti u anke tfal. Din l-attivita' reġgħet kienet waħda ta' suċċess.

L-għan ewlieni tal-Kunsill jibqa' dejjem li dawn l-attivitajiet li Ħal Għaxaq hu tant magħruf għalihom dejjem jikbru u jżidu mas-suċċessi tagħhom sena wara oħra.

## Sport

Il-Kunsill Lokali reġa' organizza *Summer School* bil-kollaborazzjoni man-*Nursery* tal-lokal tagħna. Din is-sena żammejna mar-restrizzjonijiet kollha maħruġa mid-Dipartiment tas-saħħa. Il-parteċipazzjoni kienet waħda tajba. Il-ħsieb hu li jkompli jinvesti fit-tfal u żgħażagħ b'dawn l-attivitajiet ħalli b'hekk jiġu mbegħda minn ċerti vizzji. Din is-sena il-Kunsill għen ukoll lin-Nursery billi xtara flokkijiet printjati biex jintużaw miż-żgħażagħ u tfal li jattendu u jipprattikaw l-isport.

## Sigurta'

Il-Kunsill Lokali bħal kull sena baqa' jżomm kuntatt regolari mall-Uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija Distrettwali u mal-Gwardjani Lokali biex jiġu diskussi l-problemi relatati mal-qasam tagħhom u nipprevjenu problemi li jistgħu jinqalgħu u wkoll biex inkomplu fejn hu possibbli nedukaw lir-residenti fejn jidħol immaniġġjar fit-toroq u abbużi. Ġew installati ukoll CCTV fi Triq Dun Guzepp Demicoli sabiex nissorveljaw iż-żona u ma jibqgħux jgħaddu trakkijiet kbar li qed jikkawżaw ħafna ħsara fl-imsemmija triq.

## Ambjent

F'dan il-qasam, din is-sena il-Kunsill ħadem ħafna, kemm fejn jidħol it-tindif ta' toroq, sistemi ġodda għal ġbir ta' skart, u reċipjenti fejn ir-residenti jistgħu jiddisponu minn skart differenti. Kull ġimgħa jiġi wkoll trakk tal-Wasteserv fil-ground tal-Kappillan sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jiddisponu minn skart perikoluż.

Din is-sena il-Kunsill kompla jiżra' aktar fjuri u siġar f'postijiet pubbliċi biex inkomplu nħaddru l-lokal tagħna u jkollna ambjent aħjar.

## Edukazzjoni

Il-Kunsill matul din is-sena kompla jinvesti fil-Librerija Lokali sabiex nkomplu nħeġġu lill-pubbliku jinvesti fit-tagħlim u l-qari. Matul is-sena li ġejja l-Kunsill se jkun qieghed jinstalla sistema ta' *virtual reality programme* fil-librerija lokali u dan biex inkomplu nagħmlu l-qari aktar interessanti, filwaqt li jkompli jżied ukoll aktar kotba ħalli b'hekk il-pubbliku jkun moqdi aħjar.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ - RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2020**

## L-UFFIĊĊJU TAL-KUNSILL U L-KUNTATT MAR-RESIDENTI

Sfortunatament din is-sena kellna nnaqqsu ħafna attivitajiet li jinvolvu kuntatt mar-residenti fosthom ħarġiet għall-anzjani u attivitajiet oħra soċjali li minħabba s-sitwazzjoni ma setgħux jiġu organizzati. Ħafna mill-korsijiet li kienu jiġu organizzati kellhom jitwaqqfu.

Is-servizzi lir-residenti baqgħu għaddejjin b'mod normali u ntroduċejna sistemi fejn wieħed jista' jinqeda mingħajr il-bżonn li jiġi l-uffiċċju. Is-Servizzi bħal ħlas tal-kirjiet, tal-permessi, liċenzji tal-ħwienet u ċitazzjonijiet baqgħu jingħataw matul is-sena u fejn ma setgħux jingħataw, il-Kunsill beda joffri assistenza lill-pubbliku sabiex ċertu ħlasijiet isiru *online*. Servizz li għadu jingħata lir-residenti huwa dak ta' rimi ta' skart zgħir elettroniku WEEE fejn għandna *trolley* ġewwa l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali għad-dispożizzjoni tar-residenti. Il-Kunsill kontinwament qed ikompli jqassam il-boroż tar-riċiklaġġ lir-residenti tiegħu.

Matul l-2020 l-Kunsill Lokali rċieva numru sostanzjali ta' lmenti. Minn dawn numru konsiderevoli, anzi l-parti l-kbira tagħhom, ġew solvuti, speċjalment dawk fejn jiddependi materji diretti mill-Kunsill Lokali jew jaqgħu fir-responsabbilta' tagħna.

Għalkemm sar progress kbir u r-residenti ssistematizzaw ruħhom mal-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart dejjem għad hemm lok għal edukazzjoni lir-residenti biex isir aktar reċiklaġġ ta' materjal separat, fejn rajna avvanz u koperazzjoni mill-pubbliku minn sena għal oħra. Il-Kunsill għadu joffri wkoll is-servizz ta' ġbir ta' materjal goff. Il-Kunsill dejjem jieħu ħsieb is-saħħa tar-residenti u għaldaqstant jixtieq li r-residenti jevitaw li jarmu ħmieġ barra u b'hekk tkun evitata dehra kerha u l-abbużi tal-ħmieġ fil-Lokal jiġu mnaqqsa b'mod drastiku. Għal dan il-għan il-Kunsill ser jibqa jinstalla *cameras* sabiex jigi kkontrollat ir-rimi abbuziv.

L-għan prinċipali tal-Kunsill hu sabiex jkompli bil-ħidma biex itejjeb is-servizzi kollha li jista' joffri. Mhux faċli li tlaħħaq mal-problemi kollha li jkun hawn fil-lokal, iżda persważi li qed isir dak kollu possibbli sabiex il-liġijiet tal-pajjiż jkunu mħarsa.

## *OQSMA TA' ĦIDMA TAL-KUNSILL*

---

Ringrazzjament imur lir-Residenti għal koperazzjoni li insibu biex b'hekk il-livell miksub f'dawn l-aħħar snin jibqa' kostanti u jikber matul iż-żmien. L-appell għal miljorament dwar l-abbużi madwar il-lokalita' jibqa' peress li sfortunament għadhom iseħħu u li ġieħ lil Ħal Għaxaq dawn ma jagħmlux.

Il-Kunsill Lokali jibqa' jinsisti għall-koperazzjoni mir-residenti sabiex meta jiltaqgħu ma' xi forma ta' abbuż dan jiġi mressaq minnufih lill-Kunsill jew lill-Awtoritajiet ikkonċernati sabiex b'hekk jittieħdu l-passi kollha meħtieġa.

L-Għan prinċipali u ewlieni tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq dejjem jibqa' li jaħdem u jtejjeb minn kull aspett il-ħajja tar-Residenti Għaxqin.

**Fiona Cutajar**
Segretarju Eżekuttiv